**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 29 ta` Mejju, 2018.**

**Talba Nru: 518/2017PA**

**Adrian Cutajar eżerċenti n-negozju bl-isem 'Audio Images'**

**vs**

**Teresa Woodhead**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-13 ta` Novembru 2017 li permezz tiegħu l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallsu s-somma ta` erba' mija, tmienja u ħamsin Ewro (€458) bilanċ ta` prezz ta` apparat elettroniku Samsung S4 li hija xtrat mingħandu, bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tat-talba.

Ra li l-konvenuta, debitament notifikata bl-Avviżi tat-Talba u tas-Smigħ, ma ppreżentatx Risposta u lanqas dehret biex tikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tat-2 ta` Mejju 2018, l-attur xehed li għandu ħanut li minnu jbiegħ apparat elettroniku, u li biegħ lill-konvenut telefon ċellulari u min-naħa tagħha kellha

tħallsu bin-nifs, pero` għamlet biss żewġ ħlasijiet, u fadlilha tħallsu l-ammont mitlub b'din il-kawża.

Ra li, fl-istess udjenza, l-attur ippreżenta Kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenuta, li bih ried jipprova bil-ġurament tagħha li hija debitriċi tiegħu fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż.

Ra li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tallum għas-subizzjoni tal-konvenuta.

Ra li, minkejja dan, il-konvenuta baqgħet ma dehritx biex tiċħad il-mistoqsija magħmula lilha in subizzjoni, u biex tikkontesta l-kawża.

Qies għalhekk dan il-Kapitolu bħala moqri u mistqarr.

Ikkunsidra illi, għalkemm il-prova bil-mezz tas-subizzjoni għandha mill-ammissjoni tal-konvenut għat-talba kif impustata (ara **Joseph Gaffarena et vs Mixer Limited et**, Appell, 16.4.2004), it-Tribunal xorta waħda irid jikkunsidra jekk it-talba attriċi tinsabx suffiċjentement pruvata, fuq bilanċ ta` probabilita`, wara jqis il-provi kollha prodotti quddiemu.

Iqis li l-attur ipprova t-talba tiegħu, fuq bilanċ ta` probabilitajiet, fil-kontumaċja tal-konvenuta.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallsu s-somma ta` erba' mija, tmienja u ħamsin Ewro (€458), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**